TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT187/23/DS**

**Annalise Montesin Tanti**

**Vs**

**EPIC Communications Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Ottubru, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tħallasha mija u ħamsin Ewro (€150) f'riżarċiment ta' ħlas rappreżentanti danni li ġarrbet meta kien hemm ħsara minn naħa ta' EPIC Communications Ltd. li minħabba fiha hija ma kellhiex reception meta kienet barra minn Malta;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba daħlet risposta fid-10 ta' Novembru, 2023;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat it-talba tagħha u l-informazzjoni li hemm fiha taħt ġurament u tat x'xhieda ampja tiegħha, dwar kif ġraw il-fatti li wasslu biex hija ġarrbet id-danni sofferti;

Illi jirriżulta illi minħabba ħsara minn naħa tas-soċjeta' intimata li rriżulta f'nuqqas ta' *network connectivity* l-attriċi ma setgħetx tuża l-*mobile* tagħha biex tasal fid-destinazzjoni li xtaqet permezz tal-*metro* u kellha taqbad taxi li swietha sitta u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€96.50). Hija provat tixtri SIM card li swietha dsatax -il Ewro (€19.00) biex tipprova tinqeda pero' ndunat illi din ma kienetx taħdem mal-mobile tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar minħabba l-konġestjoni kbira tat-traffiku hija tilfet ukoll nofs il-kunċert li tiegħu qiegħda titlob danni ammontanti għal nofs il-biljett fl-ammont ta' erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċentezmu (€34.50). Ir-raġunament tagħha hu illi li kieku hija kienet f'pużizzjoni illi tuża l-mobile tagħha kienet tkun tista' taqbad il-metro mingħajr problema li kienet tiswiha żewġ Ewro (€2.00) u kienet tevita wkoll il-kwistjoni tat-traffiku għaliex bil-metro t-traffiku ma jagħmel l-ebda differenza u kienet tasal għall-kunċert fil-ħin.

Illi mill-provi jidher huwa minnu illi kien hemm il-ħsara minn naħa tas-soċjeta' intimata li ammettiet illi kien hemm *intermittent international connectivity issue* li mpattat il-lokalitajiet ta' Ruma, Milan, il-Polonja u l-iŻvezja tant illi hija offriet illi tirrifondi lill-attriċi l-ammont ta' flus ekwivalenti għas-servizz illi tilfet waqt illi kien hemm ħsara fis-sistema liema jammontaw għal erbgħa u ħamsin ċentezmu (54c) stante illi hija ssostni illi dan kien id-dannu rrekat mill-kumpanija u offriet ukoll li tħallas is-SIM card fl-ammont ta' dsatax il-Ewro (€19.00). F'ċertu punt is-soċjeta intimata biex tilħaq kompromess amikevoli mal-attriċi *"provdiet 50% discount tal-Monthly Access Fee, dan jammonta għal €8.49 li tnaqsu awtomatikament mill-kont tal-attriċi."*.

Illi bir-rispett kollu lejn is-soċjeta' intimata il-konsekwenza tal-ħsara ma tistgħax tiġi kkalkulata b'dan il-mod għaliex l-attriċi provat ampjament illi din il-ħsara kellha konsekwenzi ferm aktar kbar għaliha, tant illi safra li saret apposta sabiex hija tmur tara kunċert spiċċat f'diżappunt għaliex tali kunċert tilfet nofsu. Dan minbarra l-ammont ta' anzjeta' illi ġarrbet frott tal-fatt illi hija ma setgħetx isserraħ moħħha bl-użu tal-*mobile* tagħha kemm biex jgħinha tasal fid-destinazzjoni kif ukoll biex tikkomunika jekk jinqalgħalha xi saram *stante* li hija kienet qiegħda ssifer waħedha. Dawn m'humiex danni riżarċibbli bl-ammont ta' erbgħa u ħamsin ċenteżmu (54c) kif bħal donnu trid tgħid is-soċjeta' intimata, u l-ħlas tas-SIM card u lanqas ma huwa kumpens ekwu l-ammont ta' tmien Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€8.99) li jidher illi s-soċjeta' intimata provdiet min jeddha sabiex tipprova tasal f'kompromess amikevoli (*stante* illi dan ma kienx akkordju aċċettat mill-attriċi).

L-attriċi provat tagħmel dak kollu li setgħet biex tinqeda u ma kienet fl-ebda ħin kapriċċuża fl-infieq tagħha sabiex provat tasal għall-kunċert li telgħet għalieh. L-inkwiet tagħha u l-anzjeta' tagħha kienu reali u konsekwenza diretta tal-ħsara illi kellha s-soċjeta' intimata. L-uniku oġġett illi qiegħda titlob l-attriċi illi fil-fatt kien ħlas superfluwu huwa l-ħlas illi hija għamlet tas-SIM Card w'għaldaqstant dan l-

ammont m'għandux jiġi riżarċit. Mill-bqija dan it-Tribunal huwa konvint illi l-ammonti rikjesti mill-attriċi għandhom jiġu riżarċiti mis-soċjeta' intimata għaliex m'humiex eċċessivi, sproporżjonati u inġusti kif tenniet is-soċjeta' intimata fir-risposta tagħha u lanqas ma kienu spejjeż illi l-*'attriċi għażlet volontarjament li tħallas u li faċilment setgħu jiġu evitati..."*.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi għalkemm fir-risposta tas-soċjeta' intimata f'paragrafu 17 tissemma klawsola 13.2 mingħajr referenza ta' dokument u li pero' jidher illi din hija klawsola fil-kuntratt li EPIC tagħmel mal-klijenti tagħha, tali kuntratt ma jinsabx preżentat fl-atti, w'għaldaqstant la l-kuntratt u lanqas din il-klawsola ma jistgħu jiġu kkunsidrati minn dan it-Tribunal. L-istess m'għandux jiġi kkunsidrat dak miktub f'paragrafu 18 u r-refernzi għat-termini u l-kundizzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta stante illi d-dokument illi minnhom suppost jemanu ma ġiex preżentat fl-atti u dan ġie anka kkonfermat mill-avukat patroċinanti waqt is-seduta fuq mistoqsija ta' dan it-Tribunal.

Illi rigward il-fatt illi l-attriċi kellha aċċess għall-internet fi tlett okkazjonijet u għaldaqsant l-ispejjeż li għamlet kienu żejda l-attriċi pruvat illi hija kellha reception biss waqt li kienet fit-taxi għaliex użat hotspot pero' f'dak l-istadju t-taxi kienet diga' qabditha w'għaldaqsant wieħed qajla jista' jgħid li din l-ispiża setgħet tiġi evitata. Mill-bqija ż-żewġ okkażjonijiet l-oħra kienet għadha l-hotel meta hija kellha bżonn l-*internet connection* meta kienet barra.

F'dawn iċ-ċirkustanzi dan it-Tribunal iħoss illi l-attriċi ampjament provat il-każ tagħha u għandha tiġi riżarċita. Ta min jgħid illi li kieku wieħed kellu jitlob l-ispejjeż sabiex jerġgħa jmur jara l-kunċert sabiex jarah fl-intier tiegħu l-ispejjeż kienu jkunu ferm aktar għoljin!

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa ħlief għad-dsatax -il Ewro (€19) tas-SIM card.

Dan it-Tribunal ulterjorment qiegħed jordna s-soċjeta' intimata tħallas lill-attriċi is-somma ta' ħamsin Ewro (€50) f'danni addizjonali minħabba l-inkonvenjent rekat lilha u l-anżjeta' li soffriet kawża ta' dan l-akkadut.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti sa l-ammont ta' mija wieħed u tletin Ewro (€131) f'danni materjali u ħamsin Ewro (€50) f'danni morali għall-inkonvenjent u l-anżjeta' kawzata.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**